MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Numru. 78/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Michael Caruana**

Kaz Numru: 78/2013

Illum 21 ta’ Jannar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Michael Caruana**, iben Joseph u Josephine neé Debrincat, imwieled nhar it-23 ta’ Mejju 1958 u residenti fil-fond 57, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 27058(G), akkuzat talli bi ksur tal-

kundizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta’ mwejjed u siggijiet *ai termini* tal-Artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002, kif sussegwentement emendat, fis-16 ta’ Awwissu 2013 ghall-habta ta’ 19.00hrs bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk persuna responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment Calypso Hotel (Il-Morella Restaurant) li jinsab fi Triq Menqa, Marsalforn, Zebbug, Ghawxex, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mil-licenzja, u dan ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-imsemmi stabbiliment skond l-Artikolu 23(1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002 u bi ksur tal-Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat id-digriet moghti fit-8 ta’ Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li s-seduti tat-8 ta’ Ottubru 2013 u tas-6 ta’ Novembru 2013 gew differiti sabiex jixhed, fost l-ohrajn, PC 1070, li jirrizulta li huwa l-aktar xhud importanti f’din il-kawza, dan, ghal xi raguni jew ohra, baqa’ ma tressaqx bhala xhud u anqas ma gie pprezentat affidavit tieghu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2013, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u ghalqet il-provi taghha minghajr ma ressqet lil PC 1070 bhala xhud.

Illi, in segwitu ta’ dan, ma jirrizultax li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------